KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 37

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

L-Erbgħa 16 ta' Ottubru, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsillier Swieqi

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

37.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand il-Kunsilliera ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, u mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit.

37.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri.

37.1.3 Il-President informa lill-membri kif għal din il-laqgħa kien hawn preżenti l-Kunsillier Luke Vella f'isem il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara peress li s-Sindku ma' setgħatx tkun preżenti.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

37.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 36 li nżammet nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

37.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi.

## 37.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal*

37.3.1 Il-President informa lill-membri dwar l-ewwel laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2024 fejn għaliha kien hemm preżenti hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

37.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif kien hemm rappreżentanza mill-lokalitajiet ta' Birkirkara, Sliema, u Għargħur u max-xhur li ġejjin ser ikunu qed jingħaqdu l-kumplament tar-rappreżentanti mill-lokalitaijiet fi ħdan ir-Reġjun.

- *Seminar – Insight into the Region: Empowering Local Councils - Information Session*

37.3.3 B'referenza għal dan is-seminar is-Sur Chircop irringrazzja lil dawk kollha li kienu preżenti nhar il-Ħamis 3 t'Ottubru 2024, pero esprima wkoll id-diżappunt dwar l-attendenza speċjalment dawk li nfurmawna li ser jattendu umbad ma kienux preżenti.

- *Aġġornment dwar il-kuntrattur ta' l-iskart*

37.3.4 Il-President spjega kif inżammet laqgħa konċiljatorja u bla preċudizzju mal-kuntratturi fil-preżenti ta' l-avukati taż-żewġ partijiet.

37.3.5 Is-Sur Chircop spjega li r-Reġjun ser ikun qed jgħamel lista ta' problemi skond il-prijorità u l-kuntrattur ser ikun obbligat li jgħati tweġiba sal-Ħamis 31 ta'Ottubru 2024. Sadanittant ir-Reġjun ser ikun qed ikompli bid-dritt li jiġu mnaqsa l-penali mill-ħlas dovut ta' kull xahar u potenzjalment ikun talba sabiex il-garanzija bankarja tiġi irtirata.

37.3.6 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

37.3.7 *17:19pm – is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

37.3.8 Il-President talab il-membri sabiex il-laqgħa tiġi sospiża u jiġi diskuss item numru 37.5 minn fuq l-aġenda.

37.3.9 Fuq l-approvazzjoni tal-membri preżenti, il-President sejjaħ lill-Accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante, sabiex tkun tista tippreżenta r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena 2024.

## 37.5 Rapporti

37.5.1 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti għal din il-laqgħa u talabha sabiex tagħti spjegazzjoni tar-rapport finanzjarju li kien qed jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

37.5.2 Is-Sa Perici Ferrante tat spjegazzjoni dettaljata dwar dan ir-rapport.

37.5.3 *17:22pm – is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, wasal għal din il-laqgħa.*

37.3.9 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

37.3.10 Il-President irrakomanda li l-bord tal-finanzi jerġa jiltaqà u jaraw jekk jistax ikun hemm xi skema finanzjarja li tistà tinħreġ lill-Kunsilli Lokali għal żmien il-Milied.

37.3.11 Is-Sur Chircop staqsa jekk hemmx oġġezzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-bord kompost mill-President flimkien mas-Sur Anthony Dalli u s-Sur Max Zammit. Dan peress li dawn il-persuni kienu ġew innominate fil-leġislatura preċedenti.

37.3.12 Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

37.3.13 Il-President fakkar li r-Reġjun qed ikollu problema ta' *cash flow* u huwa ferm importanti li kulħadd iħallas il-pagament tal-ġbir ta' l-iskart kull xahar immedjatament u mhux xhur wara. Ir-Reġjun mhux ser ikun qed iħallas lill-kuntrattur jekk il-pagament mill-Kunsill Lokali rispettiv ma jkunx sar. Għal din ir-raġuni s-Sur Chircop esiġa li dawn il-pagamenti jingħataw importanza kbira.

37.3.14 Il-President irringazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti għal din il-laqgħa u ġiet skużata mill-laqgħa.

37.3.15 *17:32pm – is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, wasal għal din il-laqgħa.*

37.3.16 Is-Sur Pillow skuża ruħu li wasal tard għal din il-laqgħa u li ma leħaqx sema l-ispjegazzjoni dwar ir-rapport finanzjarju u għal din ir-raġuni huwa staqsa jekk dawk il-pagamenti ta' 10% dovuta lill-Kuntrattur ta' l-iskart u li qed jiġu miżmuma mir-Reġjun, humiex ser jingħataw lura lill-Kunsilli Lokali u jekk il-pagament hux ser ikun l-istess bejn il-Kunsilli Lokali

37.3.17 Is-Sur Chircop spjega li għalissa dawn il-pagamenti tpoġġew f'kont bankarju li kien vojt sabiex jinżamm separate u jekk dawn il-pagamenti jibqgħu għand ir-Reġjun, l-ewwel iridu jiġi mnaqsa l-ispejjeż dovuti lill-avukat umbad jingħataw skond il-pagament li jkun inħareġ mill-Kunsill rispettiv.

37.3.18 Il-President informa lill-membri preżenti kif kien ser ikompli bl-aġenda qabel ma l-laqgħa kellha tiġi sospiża u għalhekk kien ser ikompli bil-punti relatati mal-komunikazzjoni tiegħu.

## 37.3 Komunikazzjoni mill-President (Kont.)

- *Sports Day 2024*

37.3.10 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar din l-attività li għal sena oħra qed terġa tiġi organizzata mir-Reġjun flimkien maċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2024.

37.3.11 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għal din l-attività.

- *Rappreżentant u Sostitut*

37.3.12 Il-President fakkar lill-membri preżenti kif fil-bidu tal-leġislatura dan ir-Reġjun kienet intbagħtet komunikazzjoni fejn kull Kunsill Lokali kien mitlub jinnomina rappreżentant kif ukoll sostitut f'każ li r-rappreżentant ma jkunx jistà jattendi għall laqgħat.

37.3.13 Is-Sur Chircop spjega kif kien għad hemm Kunsilli li ma tawx id-dettalji mitluba lir-Reġjun. Dawn huma l-Kunsilli Lokali ta' Gżira, Ta' Xbiex, u Pietà.

37.3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ser tkun qed terġa tintbagħat emejl lil dawk il-Kunsilli Lokali ikkonċernati sabiex jinnominaw is-sostitut kif ukoll id-dettalji tagħhom.

- *Local Plans*

37.3.15 Il-President għamel referenza għar-reviżjoni tal-local plans u fosthom hemm il-proġett ta' Villa Roża. Għal din ir-raġuni l-President staqsa jekk il-Kunsilli Lokali milquta minn dan il-proġett jixtiequx li r-Reġjun jgħati l-għajnuna tiegħu. Ma tittieħed l-ebda deċiżjoni mingħajr il-kunses tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

37.3.16 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, esprima li ma jħossx li fuq din l-problema għandu jidħol ir-Reġjun.

37.3.17 Il-President spjega li dan is-suġġeriment sar biss peress li proġett wieħed jaffetwa aktar minn lokalità waħda pero ir-Reġjun jaċċetta d-deċiżjoni tal-membri preżenti.

- *Konferenza 2025 – ENVE or SEDEC*

37.3.18 Il-President informa lill-membri preżenti kif hu huwa rappreżentant fuq il-Kumitat tar-Reġjuni u qiegħed rappreżentant ukoll f'żewġ kummissjonijiet oħra – Kummissjoni għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Enerġija (ENVE) u fil-Kummissjoni Għall-Politika Soċjali, Edukazzjoni, Impjiegi, Riċerka u Kultura (SEDEC).

37.3.19 Hu spjega kif apparti l-laqgħat li jsiru b'mod regolari ġewwa Brussel, isiru wkoll laqgħat darbtejn fis-sena fejn il-laqgħat jiġu ospitati ġewwa Reġjuni differenti. Għal din ir-raġuni s-Sur Chircop talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti sabiex wieħed minn dawn il-laqgħa tiġi ospitata mir-Reġjun tagħna s-sena li ġejja u din id-deċiżjoni trid tiġi ikkomunikata magħhom sal-21 ta' Ottubru 2024.

37.3.20 Is-Sur Chircop żied jgħid li din mhux ser tkun qed tinvolvi spejjeż kbar peress li t-titjiriet ikunu mħalsa mill-Unjoni Ewropeja u jkun hemm anke allowance għall-akkomodazzjoni. Madanakollu r-Reġjun ikun irid jorganizza xi visti madwar ir-Reġjun li dawk il-parteċipanti li jkunu preżenti.

37.3.21 Il-membri preżenti approvaw li dan l-interess jiġi infurmat bih lill-kumitati ikkonċernati.

## 37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

37.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 37.5 Rapporti

37.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa.

## 37.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- Kwotazzjonijiet

37.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda diversi kwotazzjoni li kienu nġabru għall-approvazzjoni tal-membri:

- Printing għal Kalendarju 2025 – Din is-sena r-Reġjun ser ikun qed iqassam 400 kalendarju lil kull Kunsill sabiex dan jitqassmu lir-residenti. L-orħos kwotazzjoni kienet dik provduta minn Print Right ta' €2,415.00.

37.6.2 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, issuġġerixxa sabiex isir *outreach* mir-Reġjun sabiex dawn il-kalendarji jitqasmu f'żoni li jkunu *hot spots* għall-iskart li jinħareġ fil-ġurnata ħażina.

- Trasport għat-tfal mill-iskejjel għal Regional Sports Day 2024 – fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Garden of Eden ta' €1,333.40

37.6.3 Il-kwotazzjonijiet preżentati ġew approvati mill-membri preżenti b'mod unanimu.

- *L-Allokazzjoni Finanzjarja*

37.6.4 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2024 dan ir-Reġjun kien riċieva l-pagament ta' €166,666.00.

- *Rimbors ta' l-Iskart Riċiklabbli*

37.6.5 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 8 t'Ottubru 2024 dan ir-Reġjun kien irċieva email mingħand id-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea, sabiex jinfurmana dwar ir-Rimbors għall-ħlasijiet li saru għall-ġbir tal-Iskart Riċiklabbli mill-Istabbilimenti Kummerċjali u element tal-VAT-2024 it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2024 daħal pagament ta' €866,578.80 li tkopri dan l-ammont minn Jannar sa Diċembru ta' 2024.

- *SPI/SCI/10/2022 - Zvilupp ta' Latrini Publiċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex*

37.6.6 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 15 t'Ottubru 2024, ir-Reġjun kien irċieva emejl mingħand il-Kunsill Lokali tal-Għargħur fejn infurmaw li ma jixtiequx jibbenifikaw mill-fondi allokati taħt skema. Id-diviżjoni nfurmat lill-Kunsill ikkonċernat li din il-materja għandha tiġi deċiża bejn il-Kunsill Lokali u l-Kunsill Reġjonali.

37.6.7 Is-Sur Chircop żied jgħid kif dan ir-Reġjun ġie nfurmat wkoll li jekk hawn Kunsill ieħor jgħamel dan il-proġett, dan huwa permess sakemm isir mad-data ta' l-għeluq. Fondi mhux utilizzati ser jingħataw lura lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali.

37.6.8 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, qal li ser ikun qed jiċċekja mal-Kunsill dwar dan u jekk ikun hemm interess ser jibgħat komunikazzjoni uffiċċjali dwar dan.

- *Ikla tal-Milied 2024*

37.6.9 Il-membri preżenti qablu sabiex l-ikla tal-milied għal membri flimkien mal-impjegati tar-Reġjun ser tkun qed tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024 ġewwa il-Venju, Pjazza 1902, Pembroke.

## 37.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

37.7.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

37.7.2 Is-Sindku tal-Għargħu, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 34A u 34B.

37.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 37.8 Mozzjonijiet

37.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 37.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

37.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:18 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 18 ta' Novembru, 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |